MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 716/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 716/2015LM fl-ismijiet:**

**Angela Debattista, armla ta’ Joseph, bint il-mejtin Spiridione Lautier u Rosaria née Gauci, imwielda Cospicua u residenti San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 116439 (M); u t-tfal tagħha Nazzareno sive Rennie Debattista, fin-negozju, bin id-defunt Joseph Debattista u Angela née Lautier, imwieled Attard u residenti San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 473761 (M); Godwin Debattista, fin-negozju, bin id-defunt Joseph Debattista u Angela née Lautier, imwieled Attard u residenti San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 591463 (M); Ronald Debattista, fin-negozju, bin id-defunt Joseph Debattista u Angela née Lautier, imwieled Attard u residenti San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 188569 (M) u Isabella Debattista, fin-negozju, bint id-defunt Joseph Debattista u Angela née Lautier, imwielda Pietà u residenti San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 409160 (M)**

**vs.**

**L-Avukat Dottor Christian Grima, iben Henry u Maria née Ragonesi, imwieled Msida u residenti l-Belt, Valletta, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 64874 (M), fil-kwalità tiegħu ta’ mandatarju speċjali tal-assenti Joanne**

**Debattista, bint id-defunt Joseph Debattista u Angela née Lautier, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 191374 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Angela Debattista et** fejn talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għal dawn ir-raġunijiet li ġew ikkonfermati bil-ġurament minn waħda mir-rikorrenti **Isabella Debattista**:

> *"Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu lill-intimata milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi, tassenja, tipoteka, tippermetti r-reġistrazzjoni ta' xi privileġġ, u jew ipoteka, taggrava jew tiddisponi b'xi mod ieħor b'titolu gratuwitu u/jew oneruż (i) is-sehem illikwidu u indiviż tagħha ta' wieħed minn għaxra (1/10) tal-eredità tad-defunt Joseph Debattista illi għadha mhix diviża u jew (ii) xi proprjetà partikolari formanti parti mill-istess eredità.*
>
> *Dan il-mandat ta' inibizzjoni qiegħed jintalab abbażi (recte) tas-segwenti:*
>
> 1. *L-esponenti Angela Debattista hija omm l-intimata Joanne Debattista, li tinstab assenti mill-gżejjer Maltin u hija rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Dottor Christian Grima, u dan permezz ta' prokura eżebita minnu stess fl-atti tar-Rikorsi Maħlufa bin-numru 432/2010/AE u 910/2010/RCP it-tnejn li huma fl-ismijiet Angela Debattista et vs. Joanne Debattista et bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. L-esponenti l-oħra Nazzareno sive Rennie Debattista, Godwin Debattista, Ronald Debattista u Isabella Debattista huma lkoll ulied l-esponenti Angela Debattista u d-defunt Joseph Debattista u huma wkoll aħwa tal-intimata Joanne Debattista;*
>
> 2. *Missier l-aħwa Debattista, id-defunt Joseph Debattista, miet nhar is-6 ta' Ottubru, 2004 u dan kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu (Dokument "ADB1");*

3. *Mir-riċerki testamentarji tad-defunt Joseph Debattista (Dokument "ADB2"), jirriżulta illi l-aħħar testment illi għamel l-imsemmi defunt Joseph Debattista u li għalhekk jirregola s-suċċessjoni tiegħu, huwa testment unica charta ta' nhar it-2 ta' April, 2004 fl-Atti tan-Nutar Joanne Lia (Dokument "ADB3");*

4. *Permezz ta' dan it-testment, id-defunt Joseph Debattista, fost affarijiet oħra, ħalla b'titolu ta' legat l-użu u l-użufrutt tal-ġid kollu tiegħu lill-esponenti Angela Debattista u istitwixxa lill-esponenti aħwa Debattista flimkien mal-intimata Joanne Debattista, bħala eredi universali tal-ġid tiegħu, fi kwoti indaqs bejniethom;*

5. *Fl-għaxar (10) artikolu ta' tali testment jingħad illi: "It-testaturi jridu jordnaw li fil-każ li xi ħadd mill-eredi hawn fuq imsemmija ma jagħtix il-kunsens tiegħu meta jkun meħtieġ u/jew jekk xi ħadd mill-imsemmija eredi jipprova b'xi mod jattakka kwalunkwe parti ta' dan it-testment tagħhom u/jew jaqla' l-inkwiet, huwa jiddekadi mill-benefiċċji kollha lilu mħollija f'dan it-testment u jieħu biss il-leġittima skont il-liġi";*

6. *Wara l-mewt tad-defunt Joseph Debattista l-esponenti u l-intimata debitament iddenunzjaw il-wirt tiegħu permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis illi ġiet ippubblikata nhar id-29 ta' Settembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon u mil-liema dikjarazzjoni jirriżultaw id-diversi proprjetajiet immobbli illi kienu jappartjenu lill-imsemmi Joseph Debattista (Dokument "ADB4");*

7. *Sallum il-ġurnata il-wirt tad-defunt Joseph Debattista għadu mhux indiviż b'mod illi kull wieħed mill-esponenti u l-intimata mhuwiex is-sid ta' xi ġid partikolari formanti parti minn tali eredità iżda għandhom ilkoll sehem indiviż u illikwidu mill-istess;*

8. *L-intimata Joanne Debattista ħolqot inkwiet serju fil-familja u dana peress illi hija kellha l-vizzju tal-logħob tal-azzard. Minħabba dan il-vizzju hija kienet tissellef il-flus minn fuq l-idejn b'użura mingħand terzi persuni u mhux biss daħlet f'diversi atti pubbliċi ta' kostituzzjoni ta' debitu iżda saħansitra ipotekat ġid partikolari formanti parti mill-wirt indiviż u illikwidu tad-defunt Joseph Debattista senjatament ikkostitwiet ipoteki speċjali fuq is-sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10) indiviżi jew kull sehem ieħor li jista' jkollha mill-fond "La Brise Marine', qabel jisimha "Villa Rosdemar", bla numru, li qiegħda*

*fi Triq it-Trunċiera, Qawra, liema proprjetà mhijiex proprjetà tal-konvenuta. Din il-proprjetà hija r-residenza tar-rikorrenti Angela Debattista li għandha wkoll id-dritt ta' użu u użufrutt fuq l-istess;*

9. *Saħansitra wieħed mill-allegati kredituri, ċertu Braden Mamo, illi kellu ipoteka speċjali iskritta fuq din il-proprjetà, beda proċeduri ta' subbasta fuq l-istess, kopja tal-atti proċesswali ta' liema huma annessi u mmarkati bħala "Dokument ADB5";*

10. *L-esponenti kellhom għalhekk jipproċedu bl-imsemmija kawżi bir-Rikorsi Maħlufa bin-numru 432/2010/AE u 910/2010/RCP it-tnejn li huma fl-ismijiet Angela Debattista et vs. Joanne Debattista et bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex jiġu mħassra l-ipoteki speċjali kostitwiti mill-intimata Joanne Debattista għar-raġunijiet imsemmija f'dawk il-kawżi. Kopja tas-sentenzi mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti f'dawn iż-żewġ kawżi ġew annessi u mmarkati bħala "Dokument ADB6" u "Dokument ADB7". Ingħataw sentenzi minn dina l-Onorabbli Qorti, f'waħda minnhom l-esponenti ingħataw raġun sħiħ li ma setgħet qatt issir ipoteka speċjali mill-intimata Joanne Debattista u ġie dikjarat ġudizzjarjament li kien hemm element qawwi ta' użura u fis-sentenza l-oħra ingħataw raġuni parzjali. Miż-żewġ sentenzi ġew ippreżentati appelli li għadhom ma ġewx appuntati għas-smigħ;*

11. *L-intimati ddejnet ma' nies oħra illi mhux l-ewwel darba illi marru fil-post tan-negozju tal-esponenti u b'theddid u mġiba oħra intimidanti talbu lill-esponenti flus allegatament dovuti mill-intimata. Dan kollu ħoloq inkwiet serju lill-esponenti b'mod partikolari lill-esponenti Angela Debattista li llum għandha sitta u sebgħin (76) sena;*

12. *Kien għalhekk illi l-esponenti kellhom jipproċedu b'kawża oħra kontra l-intimata, liema kawża għandha r-rikors bin-numru 908/2010/JZM fl-ismijiet Angela Debattista et vs. Joanne Debattista, permezz ta' liema l-esponenti qegħdin jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi l-intimata ħolqot inkwiet fil-familja u iddekadiet mill-benefiċċji kollha imħollija lilha fit-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia ta' nhar it-2 ta' April, 2004 u illi għalhekk ma jmissha xejn ħlief is-sehem riżervat skont il-liġi. Din il-kawża ġiet deċiża*

*kontra l-esponenti, kopja tas-sentenza annessa (Dokument "ADB8") u huma ppreżentaw appell li għadu mhux appuntat;*

13. *Pendenti l-eżitu tal-imsemmija kawża hemm riskju illi l-intimata tikkostitwixxi xi ipoteka, privileġġ, jew piż ieħor jew saħansitra tittenta tittrasferixxi is-sehem indiviż u illikwidu tal-eredità tad-defunt Joseph Debattista illi bħalissa qiegħed fuq isimha u b'hekk tiffrustra irrimedjabbilment id-drittijiet u l-pretensjonijiet tal-esponenti li jinstabu ġja dedotti fir-rikors maħluf bin-numru 908/2010/JZM fl-ismijiet Angela Debattista et vs. Joanne Debattista;*

14. *Għaldaqstant il-ħtieġa tal-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni anke provviżorjament ai termini tal-Artikolu 875 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2015 fejn wara li ġie kkonstatat illi mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li Dr. Christian Grima huwa awtorizzat biex jidher f'dawn il-proċeduri għall-intimata Joanne Debattista, din il-Qorti ordnat li f'każ li l-Avukat Christian Grima huwa effettivament awtorizzat biex jidher f'dawn il-proċeduri permezz tal-prokura msemmiija, kopja tal-istess prokura għandha tkun esebita fl-atti tal-kawża.

Rat in-Nota ppreżentata fit-18 ta' Mejju, 2015 mill-Avukat Christian Grima li permezz tagħha ġiet esebita kopja tal-prokura speċjali datata 28 ta' Marzu, 2011 maħruġa mill-intimata Josanne Debattista lill-istess Avukat Christian Grima biex jirrappreżentaha fi proċeduri ġudizzjarji ppreżentati kontriha jew istitwiti minnha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2015 fejn l-Avukat Christian Grima bħala prokuratur speċjali tal-intimata Joanne Debattista rrimetta ruħu għall-atti tal-kawża.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jittratta ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 874(1) tal-Kap. 12 li jgħid dan li ġej:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

**Kunsiderazzjonijiet fattwali**

B'li skop li jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimata tinżamm milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi, tassenja, tipoteka, tippermetti r-reġistrazzjoni ta' xi privileġġ, u/jew ipoteka, taggrava jew tiddisponi b'xi mod ieħor b'titolu gratuwitu u/jew oneruż (i) is-sehem illikwidu u indiviż tagħha ta' wieħed minn għaxra (1/10) tal-eredità tad-defunt Joseph Debattista illi għadu mhix diviż u jew (ii) xi proprjetà partikolari formanti parti mill-istess eredità.

Ir-rikorrenti fit-talba tagħhom għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni qegħdin jallegaw li l-intimata Joanne Debattista ħolqot inkwiet serju fil-familja u konsegwenza tal-vizzju l-logħob tal-azzard hija kienet tissellef il-flus minn fuq l-idejn b'użura mingħand terzi persuni u mhux biss daħlet f'diversi atti pubbliċi ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda saħansitra ipotekat ġid partikolari formanti parti mill-wirt ta' missierha Joseph Debattista u ikkostitwiet ipoteki speċjali fuq is-sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10) indiviżi jew kull sehem ieħor li jista' jkollha mill-fond "La Brise Marine', qabel jisimha "Villa Rosdemar", bla numru, li qiegħda fi Triq it-Trunċiera, Qawra, li hija r-residenza tar-rikorrenti Angela Debattista li għandha wkoll id-dritt ta' użu u użufrutt fuq l-istess proprjetà. Saħansitra wieħed mill-allegati kredituri illi kellu ipoteka speċjali iskritta fuq din il-proprjetà, beda proċeduri ta' subbasta fuq l-istess proprjetà. Minħabba f'hekk ir-rikorrenti kellhom jipproċedu b'kawżi li bħalissa jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex jiġu mħassra l-ipoteki speċjali kostitwiti mill-intimata Joanne Debattista għar-raġunijiet imsemmija f'dawk il-kawżi, liema kawżi għadhom ma ġewx deċiżi b'mod finali.[1]

[1] Rikorsi Maħlufa Nru. 432/2010/AE u 910/2010/RCP

L-intimati ddejnet ma' nies oħra illi ġieli marru fil-post tan-negozju tar-rikorrenti u b'theddid u mġiba oħra intimidanti talbu lill-esponenti flus allegatament dovuti mill-intimata. Dan kollu ħoloq inkwiet serju lill-esponenti b'mod partikolari lill-esponenti Angela Debattista li llum għandha sitta u sebgħin (76) sena.

Barraminhekk hemm ukoll proċeduri ġudizzjarji oħra bejn il-kontendenti li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell[2], fejn ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jiġi ddikjarat illi l-intimata ħolqot inkwiet fil-familja u li ddekadiet mill-benefiċċji kollha mħollija lilha fit-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia ta' nhar it-2 ta' April, 2004 u illi għalhekk m'għandu jmissha xejn ħlief is-sehem riżervat skont il-liġi.

Tqis illi r-rikorrenti rnexxielhom juru li mad-daqqa t'għajn għandhom pretensjoni xi jħarsu, u ċjoè li għandu jinżamm l-*istatus quo* pendenti l-eżitu tat-tlett kawżi bejn il-kontendenti li għadhom mhumiex deċiżi b'mod finali.

Din il-Qorti tqis ukoll, dejjem fil-livell ta' prova *prima facie*, illi r-rikorrenti rnexxielhom juru li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhom tant hu hekk li bin-nuqqas ta' ħrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni r-rikorrenti jistgħu isofru preġudizzju irrimedjabbli u d-drittijiet tagħhom jiġu ffrustrati jekk iseħħ dak illi qegħdin jippruvaw iżommu milli jseħħ permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni li huma qegħdin jitolbu li jinħareġ.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

[2] Rikors Maħluf Nru. 908/2010/JZM.

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat[3].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li r-rikorrenti juri li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħrug tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju u li dak ir-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet. Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[4].

Barraminhekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oggettivi[5] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

Għad li din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti f'dan il-każ irnexxilha tissodisfa r-rekwiżiti kumulattivi għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, kif ġie kkonstatat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph)**[6]**:**

[3] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.
[4] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**
[5] Ara App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Grech pro et noe vs. Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).
[6] PA 27.11.2014.

> *"… ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix."*

Tqis ukoll illi t-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni f'dan il-każ mhijiex qed tkun opposta, tant hu hekk il-mandatarju speċjali tal-intimata irrimetta ruħu għat-talbiet tar-rikorrenti kif magħmula fir-Rikors.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba għal ħrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata kif mitlub fir-Rikors.**

**Tordna n-notifika ta' dan il-provvediment lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mill-intimata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------